

**Poeżiji mill-Kwarantina**

**X'Alla int Mulejja!**

Il-kotra għajtet sabiex lilha tħaġġar
Inkurlata bil-kif għax fid-dagħdiegħa,
Insiet dnubha l-mistur li baqa' jkarkar
U li ħallieha titkgħawweġ għall-qiegħa!

Kienu lesti l-uċuħ ta' ħajja doppja
Biex jifthulha l-ġebla li saret komda,
Ħalli jgħattu dnubhom w aktar jirdoppja
Kien meħtieġ jagħti l-Kelma bla jogħmodha.

Qam dritt, ħares fl-għajnejn mitlufa bil-ħaqq:
"Minn minkom bla dnub il-ġebla jitfagħlha",
Kelmtu ċartithom, ħallewha fil-mument.

Tibżax, ħija, oħti, għalina hemm xaqq
Ta' maħfra w ħniena għal ruħna battala,
Ersaq, inħafer b'tal-ħniena s-Sagrament.

Patri Mario Attard OFM Cap
7 t'April 2022

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.